

# Wirja ta' Presepji

Clayton Vella

Għall-ewwel darba, din is-sena ġie deċiż mill-grupp taż-żgħażagħ li tittella' wirja tal-presepji għal żmien il-Milied. Għalhekk din is-sena, bl-għajnuna tas-Sur Edmund Camilleri, Michael Cauchi u Ruth Borg, ġie deċiż li nagħmlu wirja ta' presepju mekkanizzat u presepji oħra statiċi.

Il-wirja ġiet miftuħa u mbierka nhar il-15 ta' Diċembru 2012 mill-Kappillan tal-Mellieħa, il-Kan. Dun Joe Caruana, u damet miftuħa għall-pubbliku inġenerali sal-ewwel tas-sena.





Għal din il-wirja, kif semmejt fil-bidu ta' dan l-artiklu, kien hemm presepju mekkanizzat maħdum bil-ġebel tas-sejjieħ u ġablo mill-grupp taż-żgħażagħ bl-għajnuna tas-Sur Edmund Camilleri, Michael Cauchi u Ruth Borg, fejn tal-aħħar kienet ta' għajnuna fuq id-disinn tal-belt ta' Betlehem. Ix-xogħlijiet fuq il-presepju bdew aktar minn xahar qabel il-ftuħ tal-wirja, fejn konna niltaqgħu ż-żgħażagħ sabiex bnejna l-bini tal-belt ta' Betlehem bil-ġablo, gazzetti, kolla u ġibs, fuq id-disinn ta' Ruth Borg. Wara li l-belt kienet lesta, għall-bidu ta' Diċembru beda jintrama l-qafas tal-presepju ġewwa s-sala ewlenija biex wara seta' jibda x-xogħol tal-ġebel, in-nixxiegħa tal-ilma, kif ukoll il-mekkaniżmu tal-pasturi mekkanizzati li kienu kollha f'idejn Edmund Camilleri.

Kif semmejna diġà, kellna wkoll presepji statiċi żgħar magħmula minn materjali differenti, fosthom; injam, ġablo, kartapesta u diversi materjali oħra, kollha magħmula mis-Sur Michael Cauchi. Dawn intgħoġbu ħafna wkoll mill-pubbliku li ġie jara l-wirja.

Wara s-suċċess li kellna għal din il-wirja, bil-quddiem ngħid li għal din is-sena l-pjanijiet huma li jkollna presepju mekkanizzat ikbar u aktar varjetajiet ta' presepji. Ix-xogħol fuq dawn diġà beda u miexi b'ritmu tajjeb, iżda dan għalissa nħalluh sorpriża u nistednukom biex fi żmien il-Milied tkunu magħna sabiex tkunu tistgħu tgawdu talent Mellieħi mill-aqwa u dedikazzjoni kbira li żgur mhux ta' min jitlifhom!










DO NOT TOUCH PLEASE


DO NOT TOUCH PLEASE

